– wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta’ Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012[3], u b’mod partikolari l-Artikolu 71 tiegħu,

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta’ Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni[4], u b’mod partikolari l-Artikolu 71 tiegħu,

---

1 ĠU C, C/2025/5736, 31.10.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2025/5736/oj.
2 ĠU C, C/2025/5407, 13.10.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2025/5407/oj.
3 ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1046/oj.
4 ĠU L, 2024/2509, 26.9.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/oj.

– wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2021/2085 tad-19 ta' Novembru 2021 li jistabbilixxi l-Impriżi Konġunti fil-qafas ta' Orizzont Ewropa u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 219/2007, (UE) Nru 557/2014, (UE) Nru 558/2014, (UE) Nru 559/2014, (UE) Nru 560/2014, (UE) Nru 561/2014 u (UE) Nru 642/2014[5], u b'mod partikolari l-Artikolu 26 tiegħu,

– wara li kkunsidra r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/887 tat-13 ta' Marzu 2019 dwar il-mudell tar-regolament finanzjarju għall-korpi ta' sħubija pubblika-privata msemmijin fl-Artikolu 71 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[6],

– wara li kkunsidra l-Artikolu 102 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A10-0046/2026),

1. Jagħti l-kwittanza lid-Direttur Eżekuttiv tal-Impriża Konġunta Networks u Servizzi Intelliġenti għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Impriża Konġunta għas-sena finanzjarja 2024;

2. Jippreżenta l-kummenti tiegħu fir-riżoluzzjoni t'hawn taħt;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din id-deċiżjoni, kif ukoll ir-riżoluzzjoni li hija parti integrali minnha, lid-Direttur Eżekuttiv tal-Impriża Konġunta Networks u Servizzi Intelliġenti, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex tiżgura li tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (serje L).

---

5 ĠU L 427, 30.11.2021, p. 17, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/2085/oj.

6 ĠU L 142, 29.5.2019, p. 16, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2019/887/oj.

24. Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tad-29 ta' April 2026 dwar l-għeluq tal-kontijiet tal-Impriża Konġunta Networks u Servizzi Intelliġenti għas-sena finanzjarja 2024 (2025/2157(DEC))

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali tal-Impriża Konġunta Networks u Servizzi Intelliġenti għas-sena finanzjarja 2024,

– wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-impriżi konġunti tal-UE għas-sena finanzjarja 2024, flimkien mar-risposti tal-impriżi konġunti[1],

– wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni[2] dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, ipprovduta mill-Qorti tal-Awdituri għas-sena finanzjarja 2024 skont l-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-2 ta' Marzu 2026 dwar il-kwittanza li għandha tingħata lill-Impriża Konġunta għall-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2024 (05753/2026 – C10-0049/2026),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012[3], u b'mod partikolari l-Artikolu 71 tiegħu,

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni[4], u b'mod partikolari l-Artikolu 71 tiegħu,

– wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2021/2085 tad-19 ta'

---

1 ĠU C, C/2025/5736, 31.10.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2025/5736/oj.
2 ĠU C, C/2025/5407, 13.10.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2025/5407/oj.
3 ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1046/oj.
4 ĠU L, 2024/2509, 26.9.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/oj.

Novembru 2021 li jistabbilixxi l-Impriżi Konġunti fil-qafas ta' Orizzont Ewropa u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 219/2007, (UE) Nru 557/2014, (UE) Nru 558/2014, (UE) Nru 559/2014, (UE) Nru 560/2014, (UE) Nru 561/2014 u (UE) Nru 642/2014[5], u b'mod partikolari l-Artikolu 26 tiegħu,

– wara li kkunsidra r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/887 tat-13 ta' Marzu 2019 dwar il-mudell tar-regolament finanzjarju għall-korpi ta' sħubija pubblika-privata msemmijin fl-Artikolu 71 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[6],

– wara li kkunsidra l-Artikolu 102 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A10-0046/2026),

1. Japprova l-għeluq tal-kontijiet tal-Impriża Konġunta Networks u Servizzi Intelliġenti għas-sena finanzjarja 2024;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din id-deċiżjoni lid-Direttur Eżekuttiv tal-Impriża Konġunta Networks u Servizzi Intelliġenti, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex tiżgura li tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (serje L).

---

5 ĠU L 427, 30.11.2021, p. 17, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/2085/oj.

6 ĠU L 142, 29.5.2019, p. 16, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2019/887/oj.

25. Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tad-29 ta’ April 2026 li tinkludi kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjonijiet dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-impriżi konġunti tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2024 (2025/2157(DEC))

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Impriża Konġunta Avjazzjoni Nadifa għas-sena finanzjarja 2024,

– wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Impriża Konġunta Ewropa Ċirkolari b’Bażi Bijoloġika għas-sena finanzjarja 2024,

– wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Impriża Konġunta Idroġenu Nadif għas-sena finanzjarja 2024,

– wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Impriża Konġunta Sistema Ferrovjarja Ewropea għas-sena finanzjarja 2024,

– wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit taċ-Ċentru Ewropew ta’ Kompetenza Industrijali, Teknoloġika u tar-Riċerka fil-qasam taċ-Ċibersigurtà għas-sena finanzjarja 2024,

– wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Impriża Konġunta għall-Computing ta’ Prestazzjoni Għolja Ewropew għas-sena finanzjarja 2024,

– wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Impriża Konġunta għall-ITER u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni għas-sena finanzjarja 2024,

– wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Impriża Konġunta Saħħa Globali EDCTP3 għas-sena finanzjarja 2024,

– wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Impriża Konġunta Inizjattiva għal Saħħa Innovattiva għas-sena finanzjarja 2024,

– wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Impriża Konġunta taċ-Ċipep għas-sena finanzjarja 2024,

– wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Impriża Konġunta Riċerka dwar il-Ġestjoni tat-Traffiku tal-Ajru Uniku Ewropew 3 għas-sena finanzjarja

2024,

– wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Impriża Konġunta Networks u Servizzi Intelliġenti għas-sena finanzjarja 2024,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 102 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu,

– wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 833/2014 tal-31 ta' Lulju 2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna[1], id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/512/PESK tal-31 ta' Lulju 2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna[2] u l-pakketti ta' sanzjonijiet sussegwenti adottati mill-Kunsill kontra r-Russja b'reazzjoni għall-aggressjoni militari tagħha kontra l-Ukrajna;

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A10-0046/2026),

A. billi l-Impriża Konġunta Riċerka dwar il-Ġestjoni tat-Traffiku tal-Ajru Uniku Ewropew 3, l-Impriża Konġunta Avjazzjoni Nadifa, l-Impriża Konġunta Inizjattiva għal Saħħa Innovattiva, l-Impriża Konġunta Idroġenu Nadif, l-Impriża Konġunta Ewropa Ċirkolari b'Bażi Bijoloġika, l-Impriża Konġunta Sistema Ferrovjarja Ewropea, l-Impriża Konġunta Networks u Servizzi Intelliġenti u l-Impriża Konġunta Saħħa Globali EDCTP3 ġew stabbiliti bir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2021/2085 tad-19 ta' Novembru 2021 li jistabbilixxi l-Impriżi Konġunti fil-qafas ta' Orizzont Ewropa u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 219/2007, (UE) Nru 557/2014, (UE) Nru 558/2014, (UE) Nru 559/2014, (UE) Nru 560/2014, (UE) Nru 561/2014 u (UE) Nru 642/2014[3], dan tal-aħħar imsejjaħ l-Att Bażiku Uniku (SBA);

B. billi l-Impriża Konġunta Teknoloġiji Diġitali Ewlenin ġiet stabbilita bir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2021/2085 tad-19 ta' Novembru 2021 li jistabbilixxi l-Impriżi Konġunti fil-qafas ta' Orizzont Ewropa u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 219/2007, (UE) Nru 557/2014, (UE) Nru 558/2014, (UE) Nru 559/2014, (UE) Nru 560/2014, (UE) Nru 561/2014 u (UE) Nru 642/2014; billi l-Impriża Konġunta Teknoloġiji Diġitali Ewlenin ġiet ittrasformata fl-Impriża Konġunta taċ-Ċipep f'Lulju 2023 skont ir-Regolament tal-Kunsill (UE)

---

1 ĠU L 229, 31.7.2014, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2014/833/oj.
2 ĠU L 229, 31.7.2014, p. 13, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2014/512/oj.
3 ĠU L 427, 30.11.2021, p. 17, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/2085/oj.

2023/1782 tal-25 ta’ Lulju 2023 li jemenda r-Regolament (UE) 2021/2085 li jistabbilixxi l-Impriżi Konġunti fil-qafas ta’ Orizzont Ewropa, fir-rigward tal-Impriża Konġunta taċ-Ċipep[4];

C. billi l-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni ġiet stabbilita f’April 2007 bid-Deċiżjoni tal-Kunsill tas-27 ta’ Marzu 2007 li tistabbilixxi l-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni u li tikkonferixxi l-vantaġġi fuqha (2007/198/Euratom)[5];

D. billi l-Impriża Konġunta għall-Computing ta’ Prestazzjoni Għolja Ewropew ġiet stabbilita bir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2021/1173 tat-13 ta’ Lulju 2021 dwar l-istabbiliment tal-Impriża Konġunta għall-Computing ta’ Prestazzjoni Għolja Ewropew u li jħassar ir-Regolament (UE) 2018/1488[6];

E. billi ċ-Ċentru Ewropew ta’ Kompetenza Industrijali, Teknoloġika u tar-Riċerka fil-qasam taċ-Ċibersigurtà ġie stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/887 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta’ Mejju 2021 li jistabbilixxi ċ-Ċentru Ewropew ta’ Kompetenza Industrijali, Teknoloġika u tar-Riċerka fil-qasam taċ-Ċibersigurtà[7];

F. billi l-Impriża Konġunta Riċerka dwar il-Ġestjoni tat-Traffiku tal-Ajru Uniku Ewropew 3 hija sħubija pubblika-privata għall-iżvilupp ta’ ġestjoni tat-traffiku tal-ajru (ATM) immodernizzata fl-Ewropa u għall-aċċelerazzjoni permezz tar-riċerka u l-innovazzjoni tat-twettiq tal-Ajru Diġitali Ewropew;

G. billi l-Impriża Konġunta Avjazzjoni Nadifa hija sħubija pubblika-privata b’enfasi fuq ir-riċerka u l-innovazzjoni għat-trasformazzjoni tal-avjazzjoni lejn futur sostenibbli u newtrali għall-klima;

H. billi l-Impriża Konġunta Inizjattiva għal Saħħa Innovattiva hija sħubija pubblika-privata b’enfasi fuq ir-riċerka u l-innovazzjoni interdixxiplinari, sostenibbli u ċċentrata fuq il-pazjent;

I. billi l-Impriża Konġunta Idroġenu Nadif hija sħubija pubblika-privata fil-qasam tar-riċerka u l-innovazzjoni fil-kamp tat-teknoloġija tal-idroġenu u ċ-ċelloli tal-fjuwil;

J. billi l-Impriża Konġunta taċ-Ċipep hija sħubija pubblika-privata li trawwem l-iżvilupp ta’ teknoloġiji innovattivi tas-semikondutturi tal-ġenerazzjoni li jmiss u ssaħħaħ il-kapaċità Ewropea tal-produzzjoni

---

4 ĠU L 229, 18.9.2023, p. 55, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2023/1782/oj.

5 ĠU L 90, 30.3.2007, p. 58, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2007/198/oj.

6 ĠU L 256, 19.7.2021, p. 3, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/1173/oj.

7 ĠU L 202, 8.6.2021, pp. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/887/oj.

taċ-ċipep fl-ambitu tal-Inizjattiva Ċipep għall-Ewropa;

K. billi l-Impriża Konġunta Ewropa Ċirkolari b'Bażi Bijoloġika Ċirkolari hija sħubija pubblika-privata b'enfasi fuq ir-riċerka u l-innovazzjoni għal settur tal-industriji ċirkolari b'bażi bijoloġika sostenibbli u kompetittiv;

L. billi l-Impriża Konġunta Sistema Ferrovjarja Ewropea hija sħubija pubblika-privata għar-riċerka u l-innovazzjoni fis-settur ferrovjarju;

M. billi l-Impriża Konġunta għall-Computing ta' Prestazzjoni Għolja Ewropew hija sħubija pubblika-privata li tippermetti l-ġbir flimkien tar-riżorsi għall-iżvilupp u l-użu ta' computing ta' prestazzjoni għolja fl-Ewropa;

N. billi l-Impriża Konġunta Networks u Servizzi Intelliġenti hija sħubija pubblika-privata li għandha l-għan li tiffaċilita u tiżviluppa t-tmexxija industrijali fl-Ewropa fin-networks u s-servizzi 5G u 6G;

O. billi l-Impriża Konġunta Saħħa Globali EDCTP3 hija sħubija pubblika-privata b'enfasi fuq it-tnaqqis tal-piż soċjoekonomiku tal-mard infettiv fl-Afrika sub-Saħarjana bis-saħħa ta' applikazzjonijiet teknoloġiċi tas-saħħa ġodda u mtejba kif ukoll it-titjib tat-tħejjija u tar-rispons għall-mard infettiv għal skopijiet globali;

P. billi ċ-Ċentru Ewropew ta' Kompetenza Industrijali, Teknoloġika u tar-Riċerka fil-qasam taċ-Ċibersigurtà ġie stabbilit biex jaħdem flimkien man-Network ta' Ċentri Nazzjonali ta' Koordinazzjoni biex jappoġġja l-innovazzjoni u l-politika industrijali fiċ-ċibersigurtà;

Q. billi l-għan tal-Impriża Konġunta għall-ITER u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni huwa li tipprovdi l-kontribut tal-Unjoni għall-proġett internazzjonali ITER għall-enerġija mill-fużjoni, li timplimenta l-ftehim ta' approċċ usa' bejn il-Euratom u l-Ġappun, u li tipprepara għall-kostruzzjoni ta' impjant dimostrattiv tal-enerġija mill-fużjoni u faċilitajiet relatati;

R. billi l-Unjoni Ewropea adottat għadd kbir bla preċedent ta' pakketti ta' sanzjonijiet relatati mal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, bil-għan li jimminaw il-kapaċità ekonomika, finanzjarja u militari tar-Russja biex issostni l-isforz tal-gwerra u b'hekk itemmu b'mod definittiv il-gwerra ta' aggressjoni, jiddefendu l-integrità territorjali tal-Ukrajna u s-sikurezza tal-popolazzjoni tagħha, u jiżguraw ir-rispett għall-prinċipji tad-dritt internazzjonali u għal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti; billi l-Unjoni Ewropea adottat diversi miżuri biex ittemm għalkollox id-dipendenza tal-Unjoni mill-enerġija Russa, inkluż fis-settur tal-enerġija nukleari;

S. billi l-Qorti Ewropea tal-Awdituri ("il-Qorti") ħabbret l-introduzzjoni ta' approċċ tal-awditjar rivedut għall-Impriżi Konġunti, mis-sena finanzjarja 2025 'il quddiem;

Punti ġenerali

1. Jilqa' r-rwol tal-Impriżi Konġunti fl-appoġġ tal-attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni fl-oqsma tat-trasport, l-enerġija, is-saħħa, l-industriji ċirkolari b'bażi bijoloġika, il-komponenti elettroniċi ewlenin, l-intelliġenza artifiċjali u s-supercomputing, iċ-ċibersigurtà u s-sistemi tan-networks; iħeġġeġ lill-Impriżi Konġunti jiffaċilitaw il-konverżjoni tal-għarfien xjentifiku f'innovazzjonijiet lesti għas-suq u jistabbilixxu mekkaniżmi li jiżguraw li l-attivitajiet tagħhom jikkontribwixxu għat-tisħiħ tal-awtonomija strateġika globali, il-kompetittività, is-sigurtà, inklużi ċ-ċibersigurtà, is-sostenibbiltà ambjentali u l-għanijiet klimatiċi tal-Ewropa sabiex jiġu protetti r-riċerka, id-data u l-infrastruttura kritiċi; jistieden lill-Impriżi Konġunti jippromwovu taħriġ regolari dwar iċ-ċibersigurtà biex isaħħu r-reżiljenza kontra t-theddid ċibernetiku;

2. Ifakkar li fl-ambitu tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) attwali, skont il-Qorti, l-Impriżi Konġunti tar-riċerka u l-innovazzjoni huma mistennija jimmaniġġjaw baġit importanti ta' EUR 17,2-il biljun mill-kontribuzzjoni fi flus tal-Unjoni u jingranaw EUR 21,3 biljun ta' kontribuzzjonijiet minn membri oħra; jenfasizza li fl-ambitu tal-QFP attwali, l-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni hija mistennija timmaniġġja baġit ta' EUR 5,6 biljun[8];

3. Jisħaq li, fil-kuntest tal-QFP li jmiss għall-perjodu 2028–2034, l-Impriżi Konġunti se jibqgħu strumentali biex jirfdu l-awtonomija strateġika, is-sostenibbiltà, is-sigurtà u l-kompetittività tal-Unjoni; jistieden għalhekk lill-Kummissjoni u lill-awtorità baġitarja jiżguraw li l-Impriżi Konġunti jingħataw finanzjament suffiċjenti, stabbli u fit-tul fl-ambitu tal-QFP futur, proporzjonat mar-responsabbiltajiet tagħhom li qegħdin jiżdiedu u r-rwol tagħhom bħala muturi ewlenin tal-innovazzjoni f'setturi strateġiċi bħall-enerġija, it-teknoloġiji diġitali, is-semikondutturi, l-enerġija nadifa, is-saħħa u r-riċerka relatata mad-difiża;

4. Jinnota li l-Impriżi Konġunti huma bbażati fuq sħubijiet pubbliċi-privati li jmexxu l-investiment u jingranaw il-fondi pubbliċi u privati biex jiffinanzjaw għanijiet komuni; ifakkar, f'dan ir-rigward, li l-kontribuzzjonijiet tal-membri privati jridu jilħqu l-miri stabbiliti sabiex tali sħubijiet jibqgħu ta' benefiċċju reċiproku; jirrimarka li, minħabba kontribuzzjonijiet insuffiċjenti minn membri privati, xi Impriżi Konġunti jiffaċċjaw diffikultajiet finanzjarji biex jilħqu l-objettivi tagħhom; jistieden, barra minn hekk, lill-Impriżi Konġunti u lill-Kummissjoni jevitaw dipendenza eċċessiva fuq kontribuzzjonijiet in natura għal attivitajiet addizzjonali (IKAA) bħala mezz biex jintlaħqu l-miri, u jiżguraw l-użu xieraq, trasparenti u proporzjonat tagħhom, peress li tali attivitajiet huma barra mill-programmi ta'

---

8 https://commission.europa.eu/funding-tenders/find-funding/eu-funding-programmes/iter_en.

ħidma u l-baġits tal-Impriżi Konġunti u mhumiex awditjati mill-Qorti; iħeġġeġ, għalhekk, trasparenza msaħħa u sorveljanza mill-Kummissjoni tal-metodoloġiji ta' rapportar u validazzjoni tal-IKAA, u prijoritizzazzjoni tal-kontribuzzjonijiet marbuta ma' azzjonijiet iffinanzjati mill-Impriżi Konġunti mogħtija b'mod kompetittiv;

5. Jirrikonoxxi r-rwol importanti tal-Impriżi Konġunti biex iżidu l-awtonomija strateġika, il-preparatezza u r-reżiljenza tal-Unjoni f'kuntest ġeopolitiku globali li qed jinbidel malajr, ikkaratterizzat minn sfidi kumplessi u li qed jevolvu; ifaħħar il-kontributi tal-Impriżi Konġunti għall-innovazzjoni teknoloġika, l-awtonomija diġitali u ċ-ċibersigurtà, is-soluzzjonijiet tat-trasport sostenibbli, l-indipendenza enerġetika, l-ekonomija ċirkolari u s-saħħa pubblika;

6. Jistieden lill-Impriżi Konġunti kollha jeżerċitaw l-akbar viġilanza fil-kooperazzjoni tagħhom mas-sħab internazzjonali, filwaqt li jirrispettaw bis-sħiħ ir-reġim ta' miżuri restrittivi tal-Unjoni fis-seħħ u tal-objettiv li titħares l-awtonomija strateġika tal-Ewropa;

7. Jirrikonoxxi l-kontributi sostanzjali tal-Impriżi Konġunti biex jitmexxew 'il quddiem ir-riċerka, l-innovazzjoni u l-iżvilupp teknoloġiku f'setturi bħall-avjazzjoni, il-ferroviji u l-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru; jafferma r-rwol essenzjali tagħhom biex jappoġġjaw l-objettivi prijoritarji tal-Unjoni dwar l-awtonomija strateġika, is-sostenibbiltà, it-trasformazzjoni diġitali, is-sigurtà u l-kompetittività.

8. Jirrikonoxxi li l-Impriżi Konġunti tal-Unjoni Ewropea jikkostitwixxu strument kritiku għat-tisħiħ tal-kapaċità tar-riċerka u l-innovazzjoni tal-Unjoni billi jrawmu sħubijiet pubbliċi-privati fuq skala kbira f'oqsma industrijali strateġiċi; jirrikonoxxi li permezz tal-kapaċità tagħhom li jiġbru flimkien ir-riżorsi, jikkoordinaw il-kollaborazzjoni transfruntiera u jnaqqsu d-distakk bejn ir-riċerka xjentifika u l-użu fis-suq, l-Impriżi Konġunti jgħinu biex jaċċelleraw il-progress teknoloġiku li atturi individwali ma setgħux jiksbu b'mod indipendenti; itenni l-importanza li jiġu żgurati t-trasparenza, l-obbligu ta' rendikont u l-ġestjoni effiċjenti tar-riżorsi pubbliċi mill-Impriżi Konġunti;

9. Jirrikonoxxi li billi jimmobilizzaw l-industrija, l-akkademja, l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (l-SMEs), u l-awtoritajiet pubbliċi abbażi ta' objettivi komuni, l-Impriżi Konġunti jiżguraw l-użu effiċjenti tal-fondi tal-Unjoni, jippromwovu t-tmexxija tal-Ewropa f'teknoloġiji ewlenin strateġiċi, jappoġġjaw l-innovazzjoni bbażata fuq il-valuri, l-awtonomija strateġika tal-Unjoni, u jikkontribwixxu direttament għat-tkabbir ekonomiku sostenibbli u għal impjiegi ta' kwalità għolja madwar l-Unjoni;

10. ıħeġġeġ lill-Impriżi Konġunti jintensifikaw l-attivitajiet ta' komunikazzjoni istituzzjonali tagħhom bil-għan li jiżguraw sensibilizzazzjoni pubblika estensiva dwar il-kontribut tagħhom għall-objettivi tal-Unjoni u dwar il-ħtieġa u l-valur miżjud tas-

sħubijiet istituzzjonalizzati li jinvolvu atturi privati, u biex jagħmlu dan b'mod ċar u edukattiv;

11. Jilqa' r-rapport annwali tal-Qorti dwar l-Impriżi Konġunti tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2024 (ir-"rapport tal-Qorti") li fih dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni speċifika għal kull waħda mill-Impriżi Konġunti fir-rigward tal-kontijiet annwali u t-tranżazzjonijiet ta' bażi tagħhom; jenfasizza li l-missjoni tal-Qorti hija kruċjali għall-implimentazzjoni tajba tal-baġit tal-Unjoni u għas-sorveljanza tal-baġit; jitlob il-kontinwazzjoni ta' din il-prattika tajba; jilqa' l-kooperazzjoni tal-Impriżi Konġunti mal-Qorti matul l-abbozzar tar-rapport tal-Qorti u jinnota l-ispjegazzjonijiet ipprovduti dwar xi wħud mill-osservazzjonijiet u l-enfasi fuq il-kwistjonijiet li saru fit-tweġibiet ipprovduti mill-Impriżi Konġunti;

12. Jinnota t-tħabbira mill-Qorti tal-1 ta' Ottubru 2025 dwar l-introduzzjoni ta' approċċ ta' awditjar rivedut għall-Impriżi Konġunti mis-sena finanzjarja 2025 'il quddiem; jinnota li din il-bidla kienet xprunata, fost l-oħrajn, minn restrizzjonijiet fil-kapaċità tal-persunal u mill-waqfien tal-awditi tal-Impriżi Konġunti fl-ambitu ta' Orizzont Ewropa mis-Servizz tal-Awditjar Intern tal-Kummissjoni, li qabel kien jawditja l-Impriżi Konġunti, u b'hekk ġiet limitata d-disponibbiltà ta' aċċertament komplementari tal-awditjar; jinnota wkoll li l-approċċ il-ġdid jipprevedi daqs adegwat tal-kampjun tal-awditjar, il-konsolidazzjoni tax-xogħol tal-awditjar għall-Impriżi Konġunti kollha u l-ħruġ ta' żewġ dikjarazzjonijiet ta' assigurazzjoni separati, appoġġjati minn rapporti tematiċi u speċjali addizzjonali; jistieden lill-Qorti tiżgura li l-metodoloġija riveduta tiġi implimentata fil-ħin u li tkompli tissodisfa l-ogħla standards ta' kwalità, affidabbiltà u aċċertament tal-awditjar għall-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni;

13. Jilqa' l-fatt li, fl-24 ta' Settembru 2024, iċ-Ċentru Ewropew ta' Kompetenza Industrijali, Teknoloġika u tar-Riċerka fil-qasam taċ-Ċibersigurtà kiseb awtonomija finanzjarja; jinnota għalhekk li, għas-sena finanzjarja 2024, il-Qorti awditjat din l-Impriża Konġunta għall-ewwel darba, flimkien mal-ħdax-il Impriża Konġunta l-oħra;

14. Jisħaq fuq l-għarfien tiegħu li matul is-sena finanzjarja 2024, diversi Impriżi Konġunti kienu, jew setgħu kienu affettwati b'mod sinifikanti minn avvenimenti kbar li x'aktarx jinfluwenzaw il-prestazzjoni tagħhom; jinnota b'mod partikolari li:

    (a) l-attivitajiet ta' ċerti Impriżi Konġunti komplew jiġu affettwati ħafna mill-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna; tali impatti huma partikolarment evidenti fi tfixkil fil-ktajjen tal-provvista, dewmien fl-implimentazzjoni tal-proġetti, u żidiet fl-ispejjeż operattivi;

    (b) l-Istati Uniti tal-Amerka kkanċellaw sehem kbir ħafna mill-programmi ġestiti mill-Aġenzija tal-Istati Uniti għall-Iżvilupp

Internazzjonali, inklużi programmi fil-qasam tas-saħħa globali, u dan jista' jirriżulta fi tnaqqis fl-opportunitajiet ta' kofinanzjament u ta' sħubija għaż-żewġ Impriżi Konġunti tal-Unjoni Ewropea li joperaw f'dan il-qasam (l-Impriża Konġunta Inizjattiva għal Saħħa Innovattiva u l-Impriża Konġunta Sħubija għall-Provi Kliniċi bejn Pajjiżi Ewropej u Pajjiżi li qed Jiżviluppaw fil-qasam tas-Saħħa Globali 3), kif ukoll f'riskji għall-katina tal-provvista u għall-implimentazzjoni, u fi pressjoni finanzjarja u inċertezza akbar għall-Unjoni; jirrimarka madankollu li ż-żmien li seħħet fih din il-kanċellazzjoni jista' jirrappreżenta wkoll opportunità strateġika għall-Unjoni biex issaħħaħ ir-rwol tas-saħħa globali tagħha, iżżid ir-reżiljenza, u tasserixxi l-pożizzjoni ewlenija tagħha;

(c) ir-Regolament tal-Unjoni Ewropea dwar l-Intelliġenza Artifiċjali[9] daħal fis-seħħ fl-1 ta' Awwissu 2024, u stabbilixxa qafas legali komuni għal sistemi ta' intelliġenza artifiċjali b'riskju għoli u obbligi ta' trasparenza; ħafna Impriżi Konġunti, b'mod partikolari dawk involuti fi sħubijiet diġitali, tal-innovazzjoni u dawk relatati mal-intelliġenza artifiċjali, se jkollhom jadattaw għal dan il-qafas, u dan jista' jinvolvi aktar rekwiżiti ta' konformità, valutazzjoni regolatorja tar-riskju, u aġġustamenti għall-ambiti tal-proġetti, għal sejħiet għal proposti, u għar-responsabbiltajiet tal-atturi differenti involuti fl-implimentazzjoni tal-proġetti;

15. Ifakkar li l-Impriżi Konġunti jeħtiġilhom iwettqu l-operazzjonijiet tagħhom skont ġestjoni finanzjarja tajba, u b'hekk jikkontribwixxu b'mod effettiv għall-objettivi tal-politika tal-Unjoni kif ukoll għall-implimentazzjoni tajba tal-baġit tal-Unjoni; jesprimi tħassib, madankollu, dwar ċerti elementi, li ħarġu mis-sejbiet tal-Qorti, kif ippreżentati f'din ir-riżoluzzjoni;

Kontijiet annwali

16. Jinnota li r-rapport tal-Qorti jsib li l-kontijiet annwali tal-2024 tat-tnax-il Impriża Konġunta awditjati jippreżentaw b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, il-pożizzjoni finanzjarja tagħhom fil-31 ta' Diċembru 2024, ir-riżultati tal-operazzjonijiet u tal-flussi tal-flus tagħhom, u l-bidliet fl-assi netti għas-sena li ntemmet, f'konformità mar-regolamenti finanzjarji tagħhom u r-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni; jinnota wkoll li l-Qorti għalhekk ħarġet opinjonijiet tal-awditjar mhux kwalifikati dwar l-

---

9 Ir-Regolament 2024/1689 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2024 li jistabbilixxi regoli armonizzati dwar l-intelliġenza artifiċjali u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 300/2008, (UE) Nru 167/2013, (UE) Nru 168/2013, (UE) 2018/858, (UE) 2018/1139 u (UE) 2019/2144 u d-Direttivi 2014/90/UE, (UE) 2016/797 u (UE) 2020/1828 (l-Att dwar l-Intelliġenza Artifiċjali), ĠU L, 2024/1689, 12.7.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1689/oj.

affidabbiltà tal-kontijiet annwali tal-Impriżi Konġunti;

17. Jinnota li r-rapport tal-Qorti ssib li t-tranżazzjonijiet ta' bażi għall-kontijiet huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha; jinnota wkoll li l-Qorti għalhekk ħarġet opinjonijiet tal-awditjar mhux kwalifikati dwar il-legalità u r-regolarità kemm tad-dħul kif ukoll tal-pagamenti li fuqhom huma bbażati l-kontijiet tal-Impriżi Konġunti;

18. Jinnota li l-kontijiet annwali taċ-Ċentru Ewropew ta' Kompetenza Industrijali, Teknoloġika u tar-Riċerka fil-qasam taċ-Ċibersigurtà għall-2024 ma fihomx informazzjoni komprensiva dwar il-kontribuzzjonijiet kumulattivi tal-membri li saru qabel l-awtonomija; il-kontijiet annwali tal-2024 ma jiddivulgawx il-kontribuzzjonijiet għal-livell tal-programmi ta' Orizzont Ewropa u Ewropa Diġitali, u lanqas ma jqabblu l-kontribuzzjonijiet totali mal-miri annwali stabbiliti għal kull programm; itenni r-rakkomandazzjoni tal-Qorti li ċ-Ċentru Ewropew ta' Kompetenza Industrijali, Teknoloġika u tar-Riċerka fil-qasam taċ-Ċibersigurtà għandu jiġbor, jimmonitorja u jirrapporta b'mod sistematiku dwar il-kontribuzzjonijiet finanzjarji u in natura volontarji tal-Istati Membri għall-azzjonijiet konġunti u l-ispejjeż amministrattivi assoċjati;

19. Jinnota li r-riskju għal-legalità u r-regolarità tad-dħul tqies li kien baxx għall-Impriżi Konġunti kollha;

Ġestjoni baġitarja u finanzjarja

20. Jinnota li fl-2024, il-baġit totali disponibbli għall-pagamenti għat-tnax-il Impriża Konġunta, li ġew awditjati mill-Qorti, kien jammonta għal EUR 3,2 biljun; jinnota li l-Qorti tqis li l-baġit totali disponibbli għall-pagamenti jinkludi approprjazzjonijiet mhux użati mis-snin preċedenti li l-Impriżi Konġunti reġgħu daħħlu fil-baġit tas-sena attwali u dħul assenjat u riallokazzjonijiet għas-sena ta' wara; jinnota b'mod aktar preċiż li:

    (a) il-baġit totali disponibbli fl-2024 għall-Impriża Konġunta Riċerka dwar il-Ġestjoni tat-Traffiku tal-Ajru Uniku Ewropew 3 ammonta għal EUR 112,7-il miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn meta mqabbel ma' EUR 111,2-il miljun fl-2023 u EUR 110,6 miljun f'approprjazzjonijiet ta' pagament meta mqabbel ma' EUR 241,5 miljun fl-2023; jifhem li skont ir-rapport dwar il-ġestjoni baġitarja u finanzjarja tal-Impriża Konġunta Riċerka dwar il-Ġestjoni tat-Traffiku tal-Ajru Uniku Ewropew 3, ir-rata totali ta' eżekuzzjoni tal-baġit tagħha għas-sena finanzjarja 2024 laħqet it-42 % għall-approprjazzjonijiet ta' impenn u s-36 % għall-approprjazzjonijiet ta' pagament; jinnota li dawn ir-rati baxxi kienu antiċipati mill-Impriża Konġunta u rriżultaw prinċipalment min-nefqa operattiva; itenni t-tħassib tiegħu mis-sena l-oħra dwar ir-rata baxxa ta' implimentazzjoni tal-approprjazzjonijiet ta' pagament iddedikati għan-nefqa infrastrutturali u operatorja, li kompliet tonqos għal 45 % fl-

2024, meta mqabbla ma’ 55 % fl-2023; jinnota wkoll li fl-2024, EUR 3,1 miljun ta’ approprjazzjonijiet ta’ pagament amministrattivi mhux użati ġew riportati għall-baġit tal-2025; barra minn hekk, EUR 11,3-il miljun f’approprjazzjonijiet ta’ pagament amministrattivi mhux użati twarrbu f’riżerva għan-nefqa amministrattiva futura ppjanata; itenni r-rakkomandazzjoni tal-Qorti li meta tippjana l-baġit tal-pagamenti amministrattivi tagħha għall-2027, Riċerka dwar il-Ġestjoni tat-Traffiku tal-Ajru Uniku Ewropew 3 għandha tqis b’mod proattiv il-volum ta’ approprjazzjonijiet amministrattivi mhux użati diġà akkumulati sa tmiem l-2024;

(b) il-baġit totali disponibbli fl-2024 għall-Impriża Konġunta Avjazzjoni Nadifa ammonta għal EUR 172,0 miljun f’approprjazzjonijiet ta’ impenn meta mqabbel ma’ EUR 269 miljun fl-2023 u EUR 302,6 miljun f’approprjazzjonijiet ta’ pagament meta mqabbel ma’ EUR 486,0 miljun fl-2023; jifhem ukoll li skont ir-rapport dwar il-ġestjoni baġitarja u finanzjarja tal-Impriża Konġunta Saħħa Globali EDCTP3, ir-rata totali ta’ eżekuzzjoni tal-baġit tagħha għas-sena finanzjarja 2024 laħqet 99,9 % għall-approprjazzjonijiet ta’ impenn u 84,4 % għall-approprjazzjonijiet ta’ pagament; jinnota li r-rata ta’ pagament aktar baxxa ta’ 84,4 % kienet dovuta l-aktar għal servizzi mogħtija iżda li għadhom ma ġewx fatturati u fornuti minn qabel għall-attivitajiet tal-2025; jirrikonoxxi l-pass ġeneralment tajjeb tal-implimentazzjoni tal-baġit; jisħaq, madankollu, fuq ir-rata baxxa ta’ eżekuzzjoni tal-approprjazzjonijiet ta’ pagament iddedikati għall-infrastruttura u n-nefqa operattiva u l-baġit tal-pagamenti ta’ Orizzont Ewropa li laħaq biss 67 % u 52 % rispettivament fl-2024; jinnota li l-Impriża Konġunta Avjazzjoni Nadifa qed tmexxi s-sistema baġitarja, kontabilistika u finanzjarja l-ġdida tal-Kummissjoni (SUMMA) li għadha mhijiex kompletament operattiva; jistieden, f’dan ir-rigward, lill-Impriża Konġunta tiżgura l-affidabbiltà tad-data permezz ta’ pproċessar manwali xieraq u kontrolli ta’ verifika addizzjonali meta meħtieġ;

(c) il-baġit totali disponibbli fl-2024 għall-Impriża Konġunta Inizjattiva għal Saħħa Innovattiva ammonta għal EUR 269,8 miljun f’approprjazzjonijiet ta’ impenn meta mqabbel ma’ EUR 223,2 miljun fl-2023 u EUR 205,7 miljun f’approprjazzjonijiet ta’ pagament meta mqabbel ma’ EUR 225,9 miljun fl-2023; jifhem li skont ir-rapport dwar il-ġestjoni baġitarja u finanzjarja tal-Impriża Konġunta Inizjattiva għal Saħħa Innovattiva, ir-rata totali ta’ eżekuzzjoni tal-baġit tagħha għas-sena finanzjarja 2024 laħqet il-65,6 % għall-approprjazzjonijiet ta’ impenn u l-94,6 % għall-approprjazzjonijiet ta’ pagament; jisħaq fuq ir-rati baxxi ta’ eżekuzzjoni tal-approprjazzjonijiet ta’ impenn u ta’ pagament iddedikati għan-nefqa operattiva, li laħqet l-64,5 %; jinnota l-ispjegazzjoni tal-Impriża Konġunta u b’mod ġenerali jistedinha

tiżgura pass tajjeb ta’ implimentazzjoni għal kull taqsima tal-baġit tagħha;

(d) il-baġit totali disponibbli fl-2024 għall-Impriża Konġunta Idroġenu Nadif ammonta għal EUR 215,1-il miljun f’approprjazzjonijiet ta’ impenn meta mqabbel ma’ EUR 268,9 miljun fl-2023 u EUR 150,7 miljun f’approprjazzjonijiet ta’ pagament meta mqabbel ma’ EUR 327,8 miljun fl-2023; jifhem ukoll li skont ir-rapport dwar il-ġestjoni baġitarja u finanzjarja tal-Impriża Konġunta Idroġenu Nadif, ir-rata totali ta’ eżekuzzjoni tal-baġit tagħha għas-sena finanzjarja 2024 laħqet it-98 % għall-approprjazzjonijiet ta’ impenn u l-84,3 % għall-approprjazzjonijiet ta’ pagament, u dan jindika li ma kien hemm l-ebda kwistjoni serja relatata mal-pass tal-implimentazzjoni tal-baġit; jisħaq, madankollu, fuq ir-rata baxxa ta’ eżekuzzjoni tal-approprjazzjonijiet ta’ pagament ddedikati għan-nefqa infrastrutturali u operatorja tagħha, li laħqet it-58,2 % biss; jinnota l-ispjegazzjonijiet tal-Impriża Konġunta; jappoġġja r-rakkomandazzjoni tal-Qorti li meta tippjana l-baġit tal-pagamenti amministrattivi tagħha għall-2027, l-Impriża Konġunta Idroġenu Nadif għandha tqis b’mod proattiv il-volum ta’ approprjazzjonijiet amministrattivi mhux użati li kienu diġà akkumulaw sa tmiem l-2024;

(e) il-baġit totali disponibbli fl-2024 għall-Impriża Konġunta taċ-Ċipep ammonta għal EUR 1062,8 miljun f’approprjazzjonijiet ta’ impenn meta mqabbel ma’ EUR 835,7 miljun fl-2023 u EUR 724,4 miljun f’approprjazzjonijiet ta’ pagament meta mqabbel ma’ EUR 518,4-il miljun fl-2023; jifhem ukoll li skont ir-rapport dwar il-ġestjoni baġitarja u finanzjarja tal-Impriża Konġunta taċ-Ċipep, ir-rata totali ta’ eżekuzzjoni tal-baġit tagħha għas-sena finanzjarja 2024 laħqet id-99 % għall-approprjazzjonijiet ta’ impenn u s-67 % għall-approprjazzjonijiet ta’ pagament, u dan jindika li għadhom jippersistu xi kwistjonijiet, b’mod partikolari, ir-rata baxxa ta’ eżekuzzjoni tal-approprjazzjonijiet ta’ pagament iddedikati għan-nefqa operattiva, li laħqet rata ta’ implimentazzjoni ta’ 67 %, filwaqt li l-pagamenti tal-Ewropa Diġitali huma partikolarment baxxi fil-livell ta’ 6 %; jinnota l-ispjegazzjoni tal-Impriża Konġunta iżda jesprimi dispjaċir kbir għar-rata ta’ eżekuzzjoni baxxa li għadha tippersisti u jistieden b’mod ġenerali lill-Impriża Konġunta tiżgura pass tajjeb ta’ implimentazzjoni għal kull taqsima tal-baġit tagħha;

(f) il-baġit totali disponibbli fl-2024 għall-Impriża Konġunta Ewropa Ċirkolari b’Bażi Bijoloġika kien jammonta għal EUR 222,9 miljun f’approprjazzjonijiet ta’ impenn meta mqabbel ma’ EUR 227,4 miljun fl-2023 u EUR 191,7 miljun f’approprjazzjonijiet ta’ pagament meta mqabbel ma’ EUR 137,4 miljun fl-2023; jifhem li skont ir-rapport dwar il-ġestjoni baġitarja u finanzjarja tal-Impriża Konġunta Ewropa

Ċirkolari b’Bażi Bijoloġika, ir-rata ta’ eżekuzzjoni tal-baġit totali tagħha għas-sena finanzjarja 2024 laħqet is-96 % għall-approprjazzjonijiet ta’ impenn u t-82 % għall-approprjazzjonijiet ta’ pagament, u dan jindika li ma kien hemm l-ebda kwistjoni serja relatata mal-pass tal-implimentazzjoni baġitarja;

(g) il-baġit totali disponibbli fl-2024 għall-Impriża Konġunta Sistema Ferrovjarja Ewropea ammonta għal EUR 114,6-il miljun f’approprjazzjonijiet ta’ impenn meta mqabbel ma’ EUR 102,6 miljun fl-2023 u EUR 120,8 miljun f’approprjazzjonijiet ta’ pagament meta mqabbel ma’ EUR 120,3 miljun fl-2023; jifhem li skont ir-rapport dwar il-ġestjoni baġitarja u finanzjarja tal-Impriża Konġunta Sistema Ferrovjarja Ewropea, ir-rata totali ta’ eżekuzzjoni tal-baġit tagħha għas-sena finanzjarja 2024 laħqet is-70 % għall-approprjazzjonijiet ta’ impenn u l-64 % għall-approprjazzjonijiet ta’ pagament; jirrikonoxxi li r-rata ta’ implimentazzjoni tal-2024 għall-baġit operattiv attiv tal-EU-Rail laħqet id-99,9 % f’approprjazzjonijiet ta’ impenn u is-87,9 % f’approprjazzjonijiet ta’ pagament; madankollu jinsab imħasseb dwar ir-rata ġeneralment baxxa ta’ eżekuzzjoni; jinnota l-ispjegazzjoni tal-Impriża Konġunta għal dawn ir-rati baxxi, relatata mal-ħtieġa li jiġi ppreżervat baġit għall-finanzjament tat-tieni mewġa ta’ proġetti tal-oqsma ewlenin li l-ftehimiet ta’ għotja tagħhom se jiġu ffirmati fl-2026; jistieden lill-Impriża Konġunta tiżgura pass tajjeb ta’ eżekuzzjoni għal kull taqsima tal-baġit tagħha; jenfasizza, f’dan ir-rigward, l-importanza li jinżamm l-appoġġ għall-Impriża Konġunta u li tiġi żgurata l-implimentazzjoni xierqa tal-attivitajiet tagħha, fid-dawl tal-vantaġġi komparattivi tal-ferroviji f’termini tal-prestazzjoni ambjentali, l-użu tal-art, il-konsum tal-enerġija u s-sikurezza;

(h) il-baġit totali disponibbli fl-2024 għall-Impriża Konġunta għall-Computing ta’ Prestazzjoni Għolja Ewropew ammonta għal EUR 307,1 miljun f’approprjazzjonijiet ta’ impenn meta mqabbel ma’ EUR 1 136 miljun fl-2023 u EUR 347,7 miljun f’approprjazzjonijiet ta’ pagament meta mqabbel ma’ EUR 1 058 miljun fl-2023; jifhem li skont ir-rapport dwar il-ġestjoni baġitarja u finanzjarja tal-Impriża Konġunta għall-Computing ta’ Prestazzjoni Għolja Ewropew, ir-rata totali ta’ eżekuzzjoni tal-baġit tagħha għas-sena finanzjarja 2024 laħqet it-72 % għall-approprjazzjonijiet ta’ impenn u d-59 % għall-approprjazzjonijiet ta’ pagament, u dan jindika li għad hemm kwistjonijiet relatati mal-pass tal-implimentazzjoni tal-baġit; jisħaq, b’mod partikolari, fuq ir-rata baxxa ta’ eżekuzzjoni tal-approprjazzjonijiet ta’ pagament iddedikati għan-nefqa operattiva, li laħqet id-59 %; jinnota l-ispjegazzjoni tal-Impriża Konġunta; ifakkar f’dan il-kuntest li r-rata ta’ implimentazzjoni tal-pagamenti ta’ għotja ta’ Orizzont Ewropa naqset għal 27 % fl-2024 (meta mqabbla ma’ 36 % fl-2023), prinċipalment minħabba dewmien fit-tlestija tal-kontrolli tekniċi u finanzjarji *ex*

ante tar-rapporti tal-benefiċjarji; jissottolinja wkoll ir-rata baxxa ta' eżekuzzjoni tal-approprjazzjonijiet ta' pagament tagħha ddedikati għan-nefqa amministrattiva, li laħqet il-61 %; jinnota l-ispjegazzjoni tal-Impriża Konġunta pprovduta fit-tweġibiet bil-miktub tagħha għar-rapport tal-Qorti; iqis l-informazzjoni addizzjonali ppreżentata mill-Impriża Konġunta matul is-seduta ta' smigħ tagħha quddiem il-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u b'mod ġenerali jistedinha tiżgura pass tajjeb ta' implimentazzjoni għal kull taqsima tal-baġit tagħha;

(i) il-baġit totali disponibbli fl-2024 għall-Impriża Konġunta Networks u Servizzi Intelliġenti ammonta għal EUR 132,6 miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn meta mqabbel ma' EUR 134,7 miljun fl-2023 u EUR 132,8 miljun f'approprjazzjonijiet ta' pagament meta mqabbel ma' EUR 122,9 miljun fl-2023; jifhem ukoll li skont ir-rapport dwar il-ġestjoni baġitarja u finanzjarja tal-Impriża Konġunta Networks u Servizzi Intelliġenti, ir-rata totali ta' eżekuzzjoni tal-baġit tagħha għas-sena finanzjarja 2024 laħqet id-99 % għall-approprjazzjonijiet ta' impenn u s-96 % għall-approprjazzjonijiet ta' pagament, u dan jindika li ma kien hemm l-ebda kwistjoni serja relatata mal-pass tal-implimentazzjoni tal-baġit; jinnota, madankollu, ir-rati ta' implimentazzjoni relattivament baxxi għall-baġit amministrattiv, jiġifieri n-nefqa infrastrutturali u operatorja, li laħqet id-59 % tal-approprjazzjonijiet ta' impenn u s-66 % tal-approprjazzjonijiet ta' pagament u jistieden lill-Impriża Konġunta tiżgura implimentazzjoni aħjar ta' din il-parti tal-baġit amministrattiv tagħha;

(j) il-baġit totali disponibbli fl-2024 għall-Impriża Konġunta Saħħa Globali EDCTP3 ammonta għal EUR 224,6 miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn meta mqabbel ma' EUR 136,4 miljun fl-2023 u EUR 80,3 miljun f'approprjazzjonijiet ta' pagament meta mqabbel ma' EUR 2,2 miljun fl-2023; jifhem li skont ir-rapport dwar il-ġestjoni baġitarja u finanzjarja tal-Impriża Konġunta Saħħa Globali EDCTP3, ir-rata ta' eżekuzzjoni tal-baġit totali tagħha għas-sena finanzjarja 2024 laħqet it-98 % għall-approprjazzjonijiet ta' impenn u s-96 % għall-approprjazzjonijiet ta' pagament, u dan jindika li ma kien hemm l-ebda kwistjoni serja relatata mal-pass tal-implimentazzjoni tal-baġit; jinnota, madankollu, ir-rata baxxa ta' approprjazzjonijiet ta' pagament għal parti mill-baġit amministrattiv tagħha, jiġifieri l-ispejjeż tal-infrastruttura u dawk operattivi, li laħqu biss 37 % tal-approprjazzjonijiet ta' pagament; jinnota l-ispjegazzjoni tal-Impriża Konġunta u jistedinha, meta tippjana l-baġit tagħha għall-pagamenti amministrattivi għall-2027, tieħu miżuri biex tiżgura implimentazzjoni aħjar ta' din il-parti tal-baġit amministrattiv tagħha, inkluż billi tqis b'mod proattiv il-volum ta' approprjazzjonijiet amministrattivi mhux użati diġà akkumulati sa tmiem l-2024;

(k) il-baġit totali disponibbli fl-2024 għall-Impriża Konġunta Ċentru Ewropew ta’ Kompetenza Industrijali, Teknoloġika u tar-Riċerka fil-qasam taċ-Ċibersigurtà ammonta għal EUR 313,3-il miljun f’approprjazzjonijiet ta’ impenn u EUR 101,6 miljun f’approprjazzjonijiet ta’ pagament; jifhem ukoll li skont ir-rapport dwar il-ġestjoni baġitarja u finanzjarja għall-perjodu bejn l-24 ta’ Settembru 2024, meta l-Impriża Konġunta kisbet awtonomija finanzjarja, sa tmiem l-2024, ir-rata totali ta’ eżekuzzjoni tal-baġit tagħha laħqet id-90,5 % għall-approprjazzjonijiet ta’ impenn u 82 % għall-approprjazzjonijiet ta’ pagament, u dan jindika li ma ġiet osservata l-ebda kwistjoni ewlenija relatata mal-pass tal-implimentazzjoni baġitarja; jinnota, madankollu, ir-rata baxxa ta’ approprjazzjonijiet ta’ pagament għal parti mill-baġit amministrattiv tagħha, jiġifieri t-taqsima dwar il-binjiet, l-IT u oħrajn, li laħqet biss is-27,1 % tal-approprjazzjonijiet ta’ pagament; jinnota l-ispjegazzjoni tal-Impriża Konġunta u jistedinha tiżgura implimentazzjoni aħjar ta’ din il-parti tal-baġit amministrattiv tagħha;

(l) il-baġit totali disponibbli fl-2024 għall-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni ammonta għal EUR 811,8-il miljun f’approprjazzjonijiet ta’ impenn meta mqabbel ma’ EUR 807 miljun fl-2023 u EUR 693,7 miljun f’approprjazzjonijiet ta’ pagament meta mqabbel ma’ EUR 631,5 miljun fl-2023; jifhem, barra minn hekk, li skont ir-rapport dwar il-ġestjoni baġitarja u finanzjarja tal-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni, ir-rata totali ta’ eżekuzzjoni tal-baġit tagħha għas-sena finanzjarja 2024 laħqet 92 % għall-approprjazzjonijiet ta’ impenn u 93 % għall-approprjazzjonijiet ta’ pagament, u dan jindika li ma kienx għad hemm kwistjonijiet serji relatati mal-pass tal-implimentazzjoni tal-baġit meta mqabbla mar-rata ta’ eżekuzzjoni ta’ 73 % fl-2023 għall-approprjazzjonijiet ta’ impenn; jinnota titjib fir-rata ta’ implimentazzjoni tan-nefqa operazzjonali li laħqet it-92 % f’approprjazzjonijiet ta’ impenn u t-93 % f’approprjazzjonijiet ta’ pagament meta mqabbla mal-2023 meta r-rata ta’ eżekuzzjoni tal-approprjazzjonijiet ta’ impenn iddedikati għan-nefqa operattiva kienet ta’ 70 %;

21. Underlines the need for all Joint Undertakings to reinforce their internal financial controls and transparency frameworks in order to ensure that funds are allocated efficiently and in line with the Union’s strategic objectives;

22. Itenni t-tħassib tal-Qorti dwar l-użu persistentement baxx tal-approprjazzjonijiet minn ċerti Impriżi Konġunti fl-implimentazzjoni tal-baġits operattivi u amministrattivi tagħhom; jistieden lill-Impriżi Konġunti kkonċernati jaċċeleraw l-adozzjoni u l-implimentazzjoni effettiva ta’ miżuri korrettivi f’konformità sħiħa mar-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti sabiex tiġi pprevenuta r-rikorrenza ta’ dawn in-nuqqasijiet identifikati; jisħaq li l-akkumulazzjoni ta’

approprjazzjonijiet mhux użati toħloq surpluses ta’ flus kontanti li ma jistgħux jiġu riallokati għal attivitajiet u programmi oħra tal-Unjoni; iqis li s-surpluses ta’ flus kontanti li qed jiżdiedu b’mod persistenti jirriflettu dgħufijiet fir-realiżmu baġitarju u fil-kapaċità ta’ twassil tal-programmi; jistieden lill-Kummissjoni tirrikjedi pjan annwali għat-tnaqqis tas-surplus għall-Impriżi Konġunti b’surpluses persistenti, inklużi stadji importanti li jistgħu jitkejlu u rabta ċara ma’ fatturi ta’ implimentazzjoni mdewma; jesprimi tħassib partikolari fir-rigward ta’ dan li ġej:

(a) il-fatt li s-surplus ta’ flus kontanti tal-Impriża Konġunta taċ-Ċipep żdied matul l-2024 u laħaq EUR 479 miljun fi tmiem is-sena, meta mqabbel ma’ EUR 438 miljun fi tmiem l-2023; jinnota l-ispjegazzjoni tal-Impriża Konġunta; itenni, madankollu, it-talba tiegħu lill-Impriża Konġunta taċ-Ċipep biex tevita l-okkorrenza mill-ġdid ta’ sitwazzjonijiet simili u jilqa’ l-ambizzjoni mħabbra mill-Impriża Konġunta biex tikkoreġi din il-kwistjoni għall-2025;

(b) il-fatt li s-surplus tal-flus kontanti tal-Impriża Konġunta għall-Computing ta’ Prestazzjoni Għolja Ewropew żdied ukoll matul l-2024 u laħaq EUR 904,7 miljun fi tmiem is-sena, meta mqabbel ma’ EUR 840,7 miljun fi tmiem l-2023; jinnota l-miżuri korrettivi li l-implimentazzjoni tagħhom bdiet fl-2024; itenni, madankollu, it-talba tiegħu lill-Impriża Konġunta għall-Computing ta’ Prestazzjoni Għolja Ewropew biex tirrazzjonalizza l-isforzi tagħha biex tevita l-okkorrenza mill-ġdid ta’ sitwazzjonijiet simili;

23. Jilqa’ t-tnaqqis sinifikanti tas-surplus ta’ flus kontanti akkumulat tal-Impriża Konġunta Avjazzjoni Nadifa minn EUR 237 miljun fi tmiem l-2023 għal EUR 105 miljun fi tmiem l-2024, u dan jirrappreżenta tnaqqis ta’ 56 %; jinnota l-ispjegazzjoni li s-surplus li fadal huwa meħtieġ biex jiġi żgurat li jkunu koperti l-ħtiġijiet ta’ pagament għall-ewwel erba’ xhur tal-2025; iqis dan l-iżvilupp bħala pass pożittiv lejn ippjanar finanzjarju u eżekuzzjoni baġitarja mtejba; jenfasizza li dan l-approċċ jista’ jservi bħala eżempju tajjeb għal Impriżi Konġunti oħra li qegħdin jiffaċċjaw sfidi simili;

24. Itenni t-tħassib tal-Qorti dwar id-dewmien persistenti fil-kontribuzzjonijiet tal-membri lil ċerti Impriżi Konġunti, b’mod partikolari fid-dawl tar-riskju li xi Impriżi Konġunti jistgħu jonqsu milli jilħqu l-miri tal-kontribuzzjonijiet tagħhom; jistieden lill-Impriżi Konġunti kkonċernati jkomplu jimplimentaw miżuri biex jipprevjenu tali sitwazzjonijiet milli jseħħu fil-futur; ifakkar li l-ilħuq tal-miri ta’ kontribuzzjoni huwa r-responsabbiltà u l-obbligu tal-Impriżi Konġunti kkonċernati u li n-nuqqas li jintlaħqu l-miri ta’ kontribuzzjoni jmur kontra l-idea fundatriċi tal-Impriżi Konġunti; huwa mħasseb, b’mod aktar preċiż, dwar dan li ġej:

(a) is-sitwazzjoni tal-Impriża Konġunta Riċerka dwar il-Ġestjoni tat-Traffiku tal-Ajru Uniku Ewropew 3, li l-mira tal-kontribuzzjoni

operattiva tagħha tal-membru tagħha Eurocontrol laħqet biss livell ta’ 70 %, u dan wassal biex l-Impriża Konġunta ma għandhiex il-kontribuzzjonijiet ippjanati għad-dispożizzjoni tagħha biex timplimenta bis-sħiħ il-parti tagħha ta’ Orizzont 2020; jinnota li l-kontribuzzjonijiet tal-Eurocontrol kienu wkoll taħt il-mira ta’ Orizzont Ewropa għall-2024, u laħqu biss 16 % tal-mira ta’ EUR 500 miljun; itenni r-rakkomandazzjoni tal-Qorti li l-Impriża Konġunta Riċerka dwar il-Ġestjoni tat-Traffiku tal-Ajru Uniku Ewropew 3 għandha tikkoopera mal-Eurocontrol biex iżżid il-kontribuzzjonijiet tagħhom u timmonitorja l-progress fuq bażi annwali;

(b) is-sitwazzjoni tal-Impriża Konġunta Saħħa Globali EDCTP3 fejn fi tmiem l-2024 il-livell ta’ kontribuzzjonijiet fi flus tas-sħab kontribwenti kien baxx ħafna, EUR 15,6-il miljun li jirrappreżentaw 4 % tal-mira ta’ EUR 400 miljun; jinnota li n-nuqqas attwali fil-kontribuzzjonijiet jista’ jnaqqas b’mod sostanzjali l-effett ta’ ingranaġġ tal-attivitajiet tal-Impriża Konġunta, u b’hekk joħloq riskju għall-ilħuq tal-objettivi tal-programm tagħha; itenni r-rakkomandazzjoni tal-Qorti li l-Impriża Konġunta Saħħa Globali EDCTP3 għandha tistabbilixxi pjan ta’ azzjoni komprensiv biex tidentifika u tattira sħab kontribwenti addizzjonali mill-Ewropa u lil hinn minnha, bil-ħsieb li ssaħħaħ il-kapaċità ta’ riċerka u innovazzjoni tagħha, tiżgura aktar kontribuzzjonijiet finanzjarji u tiżgura l-ilħuq tal-objettivi tal-programm tagħha;

(c) is-sitwazzjoni tal-Impriża Konġunta għall-Computing ta’ Prestazzjoni Għolja Ewropew, li ma tjibitx meta mqabbla mas-sena l-oħra u li għaliha l-kontribuzzjonijiet minn membri privati taħt Orizzont Ewropa u Ewropa Diġitali fi tmiem l-2024 kienu l-istess, jiġifieri 0,3 % tal-mira tal-QFP 2021–2027 ta’ EUR 900 miljun; jisħaq għal darba oħra li l-ilħuq tal-miri tal-kontribuzzjonijiet għandu jitqies bħala dmir tal-Impriża Konġunta; itenni r-rakkomandazzjoni tas-sena preċedenti li l-Impriża Konġunta għall-Computing ta’ Prestazzjoni Għolja Ewropew għandha taħdem mill-qrib mal-Kummissjoni fil-proċess tal-valutazzjoni mill-ġdid tal-mira attwali għall-kontribuzzjonijiet tal-membri privati fl-ambitu ta’ Orizzont Ewropa u Ewropa Diġitali sabiex tiġi żgurata l-fattibbiltà tagħha; jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta mill-ġdid il-mira attwali u jilqa’ l-proċess li għadu għaddej f’dan ir-rigward;

Akkwist u offerti

25. Jinnota li fir-rapport tagħha għas-sena 2024, il-Qorti ma indikatx kwistjonijiet speċifiċi relatati mal-akkwist u l-offerti; jisħaq, madankollu, fuq l-importanza tal-akkwist bħala għodda biex isir progress fl-objettivi ta’ politika bħall-awtonomija strateġika, l-innovazzjoni, l-aġenda ambjentali u soċjali, il-kompetizzjoni u ċ-ċertezza legali; iħeġġeġ lill-Impriżi Konġunti jsaħħu fl-akkwisti

tagħhom l-inklużjoni ta’ kriterji strateġiċi dwar ir-responsabbiltà soċjali, is-sostenibbiltà taċ-ċiklu tal-ħajja, is-sigurtà tal-provvista, ir-robustezza taċ-ċibersigurtà, ir-reżiljenza u l-kapaċità ta’ innovazzjoni; jifraħ lil xi Impriżi Konġunti li diġà qed jimplimentaw tali prattiki (eż. l-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni li fl-2024 inkludiet rekwiżiti ta’ sostenibbiltà f’aktar minn 50 % tal-akkwisti tagħha);

26. Jilqa’ l-inizjattivi tranżorganizzazzjonali fost l-Impriżi Konġunti fl-akkwist pubbliku u l-ġestjoni tal-kuntratti għal punti ta’ interess u użu komuni, li ppromwovew l-użu ekonomikament effiċjenti tar-riżorsi disponibbli għalihom u żiedu s-setgħa ta’ negozjar tagħhom;

27. Jistieden lill-Impriżi Konġunti kollha jsaħħu l-azzjonijiet tagħhom biex javvanzaw l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fil-livelli kollha, bil-ħsieb li jintegraw il-bilanċ bejn il-ġeneri fl-attivitajiet kollha relatati mal-akkwist, l-għotjiet u l-offerti f’konformità mal-prinċipji tal-mertu, l-eċċellenza u l-opportunitajiet indaqs, filwaqt li jiżguraw li l-prestazzjoni titqies kif xieraq fid-deċiżjonijiet dwar l-għażla u l-finanzjament;

28. Iħeġġeġ lill-Impriżi Konġunti kollha jintegraw il-bilanċ ġeografiku fil-proċeduri kollha ta’ akkwist u ta’ għotja, filwaqt li jippreservaw il-kompetizzjoni, il-kwalità u l-eċċellenza, u jiġġustifikaw kif xieraq il-każijiet fejn ma tinkisibx distribuzzjoni adegwata; jitlob li tingħata attenzjoni speċifika lill-Istati Membri u lir-reġjuni b’livelli ta’ introjtu aktar baxxi jew kapaċità ta’ innovazzjoni limitata sabiex jiġu appoġġjati dawn l-oqsma u jiġi żgurat li l-Impriżi Konġunti jikkontribwixxu għat-tnaqqis tad-disparitajiet fl-iżvilupp, filwaqt li jiggarantixxu li t-tranżizzjonijiet teknoloġiċi u tal-enerġija jitwettqu b’mod ekwu u ġust u jippreservaw il-koeżjoni reġjonali; jenfasizza li l-finanzjament għandu jkompli jagħti valur miżjud Ewropew ċar, b’kunsiderazzjoni partikolari għall-SMEs;

29. Jisħaq fuq il-ħtieġa ta’ distribuzzjoni ġeografika ġusta u ekwa tal-finanzjament tal-Impriżi Konġunti, b’attenzjoni partikolari għar-reġjuni b’kapaċità ta’ innovazzjoni aktar baxxa u għall-SMEs, filwaqt li tiġi ppreservata l-kompetizzjoni miftuħa u jiġi żgurat li l-proġetti ffinanzjati jagħtu valur miżjud Ewropew ċar;

Benesseri, reklutaġġ u bilanċ bejn il-ġeneri tal-persunal

30. Jinsab imħasseb dwar is-sitwazzjoni attwali tat-tlestija tal-persunal fl-Impriża Konġunta għall-Computing ta’ Prestazzjoni Għolja Ewropew, b’mod aktar partikolari dwar il-pass kajman tar-reklutaġġi, u jistieden lill-Impriża Konġunta tissimplifika l-proċeduri tagħha sabiex tiżgura minnufih il-mili tal-postijiet vakanti kollha;

31. Jieħu nota tan-nuqqas ta’ sodisfazzjon perċepit fost il-persunal fi ħdan l-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u l-Iżvilupp tal-

Enerġija mill-Fużjoni, kif żvelat minn stħarriġ reċenti tal-persunal u l-implikazzjonijiet tiegħu għall-benesseri tal-persunal; jisħaq li l-membri tal-persunal għandhom ikunu jistgħu jaħdmu f'ambjent fiżikament u psikoloġikament sikur; jissottolinja wkoll l-importanza li jinżamm l-għarfien istituzzjonali; f'dan ir-rigward jinnota b'dispjaċir id-dipendenza għolja kontinwa tal-Impriża Konġunta minn fornituri esterni tas-servizzi; jistieden lill-Impriża Konġunta tieħu miżuri fil-pront biex tindirizza dawn il-kwistjonijiet;

32. Itenni t-talba tiegħu għal politika tal-persunal koerenti, trasparenti u ġusta fl-Impriżi Konġunti kollha, li tiżgura kundizzjonijiet tax-xogħol inklużivi, żvilupp tal-karriera, bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, u appoġġ għas-saħħa mentali; jilqa' l-użu ta' arranġamenti tax-xogħol flessibbli u jenfasizza li dan għandu jkollu l-għan li jiżgura flessibbiltà organizzattiva li tissodisfa l-ħtiġijiet tal-persunal tal-Impriżi Konġunti; iħeġġeġ li tittejjeb il-kapaċità li jiġi attirat talent speċjalizzat ħafna filwaqt li jiġu żgurati kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti u stabbli u jiġi promoss avvanz intern trasparenti fil-karriera;

33. Jilqa' l-progress li għamlu l-Impriżi Konġunti fit-titjib tal-kwalità u l-aċċessibbiltà tad-data dwar il-bilanċ bejn il-ġeneri u d-distribuzzjoni ġeografika fost il-persunal u l-istrutturi ta' governanza; jenfasizza li data mtejba ssaħħaħ l-obbligu ta' rendikont u tippermetti azzjonijiet aktar immirati biex titrawwem id-diversità, tiġi żgurata rappreżentanza ġusta tal-membri, u jiġi appoġġjat ambjent tax-xogħol produttiv u tajjeb għas-saħħa fl-Impriżi Konġunti kollha;

34. Jistieden lill-Impriżi Konġunti kollha jinkoraġġixxu rappreżentanza bbilanċjata f'pożizzjonijiet ta' tmexxija u ta' teħid ta' deċiżjonijiet, b'rispett sħiħ tal-proċeduri tal-għażla bbażati fuq il-kompetenza, u jimmonitorjaw il-progress b'mod proporzjonat u trasparenti; jisħaq fuq l-importanza li jiġu indirizzati d-differenzi fil-pagi u li jiġu promossi opportunitajiet indaqs għall-progress fil-karriera; jinnota, f'dan ir-rigward, żviluppi pożittivi fl-Impriża Konġunta għall-Computing ta' Prestazzjoni Għolja Ewropew, fejn 72,5 % tal-persunal huma nisa u 27,5 % rġiel, u fejn 40 % tat-tim maniġerjali estiż huma rġiel u 60 % nisa;

35. Jissottolinja li l-Impriżi Konġunti għandhom jiżguraw li l-proġetti ffinanzjati jikkonformaw mal-istandards soċjali u tax-xogħol applikabbli, jikkontribwixxu għat-tkabbir ekonomiku sostenibbli, l-innovazzjoni, il-kompetittività u l-impjiegi ta' kwalità għolja fl-Unjoni u jkunu allinjati mal-prinċipji ta' tranżizzjoni ġusta;

36. Iħeġġeġ lill-Impriżi Konġunti jiżviluppaw kooperazzjoni strutturata mal-universitajiet Ewropej sabiex itejbu s-sensibilizzazzjoni għall-gradwati żgħażagħ u jsaħħu r-reklutaġġ futur; iħeġġeġ ukoll lill-Impriżi Konġunti jippromwovu l-mobbiltà universitarja, tar-riċerka u professjonali u jippromulgaw miżuri mmirati lejn l-iżvilupp tal-kapital uman, b'mod partikolari l-ħaddiema żgħażagħ, l-inġiniera u r-riċerkaturi, inkluża l-integrazzjoni ta' proġetti ta' investiment fl-

edukazzjoni, it-taħriġ u t-tagħlim ibbażat fuq ix-xogħol biex jiġu żgurati l-innovazzjoni sostenibbli, il-kontinwità tal-forza tax-xogħol, u l-kompetittività fit-tul tal-ekonomija Ewropea;

Sistemi ta' ġestjoni u kontroll

37. Jilqa' l-ħidma tal-Qorti dwar l-eżami tan-nefqa operattiva tal-Impriżi Konġunti għar-riċerka u l-innovazzjoni, li kienet tinkludi kampjun ta' 33 tranżazzjoni ta' ftehim ta' għotja magħżula b'mod aleatorju mill-2024 (pagamenti interim jew finali u approvazzjonijiet ta' pagamenti bil-quddiem) fil-livell tal-benefiċjarji finali; jinsab imħasseb dwar ir-riżultati ta' dan l-eżami li wrew li kien hemm żbalji sistematiċi persistenti; jinnota li dawn l-iżbalji huma prinċipalment relatati ma' dikjarazzjonijiet skorretti tal-ispejjeż tal-persunal mill-benefiċjarji, inkluż il-kalkolu tar-rati fis-siegħa jew ta' kuljum, l-inklużjoni tal-ispejjeż indiretti fl-ispejjeż unitarji, id-dikjarazzjoni tal-ispejjeż tas-sottokuntrattar bħala spejjeż tal-persunal, u l-inklużjoni ta' spejjeż tat-tagħmir ineliġibbli; jistieden lill-Impriżi Konġunti jindirizzaw dawn in-nuqqasijiet; jistieden ukoll lill-Kummissjoni u lis-Servizz tal-Awditjar Komuni jipprovdu lill-awtorità ta' kwittanza b'analiżi konsolidata tal-kawżi ewlenin ta' żbalji rikorrenti fl-ispejjeż tal-persunal fl-Impriżi Konġunti kollha, u jappoġġjaw gwida preventiva armonizzata, kontrolli *ex ante* mmirati għall-benefiċjarji b'riskju għoli, u korrezzjonijiet finanzjarji fejn jinstabu żbalji simili;

38. Jilqa' l-ħidma tal-Qorti dwar l-eżami tan-nefqa tal-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni, li kienet tinkludi kampjun ta' 30 tranżazzjoni aleatorja; jinnota li l-Qorti identifikat każ fejn modifika sostanzjali ta' żewġ kuntratti ta' bini ma ġietx indirizzata minn proċedura ta' akkwist ġdida; jistieden lill-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni tiżgura li l-modifiki materjali tal-kuntratti sistematikament jiskattaw rivalutazzjoni tal-akkwist, inklużi rieżami legali u pubblikazzjoni ta' ġustifikazzjoni ċara, u tirrapporta lill-awtorità ta' kwittanza dwar il-miżuri korrettivi meħuda;

39. Jesprimi tħassib dwar is-sejba tal-Qorti li, sa Diċembru 2024, erba' Impriżi Konġunti biss (l-Impriża Konġunta Sistema Ferrovjarja Ewropea, l-Impriża Konġunta Avjazzjoni Nadifa, l-Impriża Konġunta Inizjattiva għal Saħħa Innovattiva u l-Impriża Konġunta taċ-Ċipep) kienu ffinalizzaw qafas ta' kontroll ibbażat fuq ir-riskju għall-pagamenti ta' għotjiet ta' Orizzont Ewropa, minkejja ż-żieda mistennija f'tali pagamenti; ifakkar li qafas ta' kontroll robust, sistematiku u ċentralizzat ibbażat fuq ir-riskju huwa essenzjali biex jiġu żgurati kontrolli *ex ante* ta' benefiċjarji b'riskju għoli, segwitu effettiv tas-sejbiet tal-awditjar, u dikjarazzjonijiet ta' assigurazzjoni affidabbli tad-direttur; jisħaq li l-ħidma ta' awditjar u kontroll għandha tikkonċentra fuq oqsma ta' riskju finanzjarju u ta' prestazzjoni ogħla, filwaqt li t-tranżazzjonijiet b'riskju baxx u rikorrenti għandhom jibbenefikaw minn metodi ta' verifika simplifikati; jissottolinja li tali approċċ jista' jtejjeb l-assigurazzjoni u

jnaqqas b'mod sinifikanti l-piż amministrattiv għall-benefiċjarji u l-istati parteċipanti; jistieden lill-Impriżi Konġunti kollha li fadal jiffinalizzaw u jimplimentaw qafas ta' kontroll ibbażat fuq ir-riskju għall-pagamenti ta' għotjiet ta' Orizzont Ewropa/Ewropa Diġitali, inklużi: (i) punteġġ ċar tar-riskju tal-benefiċjarji u tal-proġetti, (ii) kontrolli *ex ante* intensifikati għal każijiet ta' riskju għoli, (iii) feedback sistematiku tar-riżultati tal-awditjar *ex post* fl-ippjanar tal-kontroll futur, u (iv) rapportar konsistenti fid-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni tad-Direttur Eżekuttiv;

40. Jesprimi tħassib li s-sistema ta' ġestjoni tar-riskju tal-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni ma tirriflettix biżżejjed ir-riskji materjali li jirriżultaw mir-reviżjoni tal-2024 tal-linji bażi tal-ITER, inkluż l-implikazzjonijiet orizzontali tar-riżorsi umani; jinnota li l-għodda tal-IT għall-ġestjoni tar-riskju tal-Impriża Konġunta ma għandhiex informazzjoni kompluta u aġġornata dwar ir-riskji ewlenin, inklużi l-inċidenza, il-probabbiltà u l-impatt finanzjarju, u b'hekk timmina l-appoġġ għat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-maniġment u l-kapaċità tagħhom li jikkwantifikaw l-esponiment u jadottaw mitigazzjonijiet effettivi; jistieden lill-Impriża Konġunta tindirizza dawk il-kwistjonijiet billi timplimenta miżuri xierqa fil-ħin;

Frodi, etika u kunflitti ta' interess

41. Jilqa' l-fatt li l-ebda waħda mis-sejbiet tal-Qorti għas-sena 2024 ma kienet tirrikjedi notifika ta' suspett ta' frodi lill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) jew lill-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE);

42. Jinnota l-informazzjoni rrapportata mill-Impriżi Konġunti dwar l-attivitajiet tagħhom relatati mal-prevenzjoni, mad-detezzjoni u mal-korrezzjoni tal-frodi; jistieden lill-Impriżi Konġunti jsaħħu l-kooperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni mal-OLAF u, meta applikabbli, mal-UPPE, inkluż ir-riferiment sistematiku ta' suspetti ta' frodi; isaħħu l-kontrolli *ex ante* u *ex post* fil-ġestjoni tal-għotjiet, fid-dikjarazzjonijiet tal-ispejjeż, fl-akkwist, u fil-verifika tar-riżultati; japplikaw miżuri korrettivi u rkupri finanzjarji b'mod konsistenti u mingħajr dewmien, filwaqt li jintegraw it-tagħlimiet meħuda fi proċeduri futuri; u jipprovdu rapportar annwali u robust dwar l-effettività tal-miżuri kontra l-frodi, appoġġjat minn indikaturi kwantitattivi u kwalitattivi ċari;

43. Jinnota li l-Impriżi Konġunti jimmaniġġjaw EUR 38.5 biljun għall-2021–2027, aktar mid-doppju tal-ammont ġestit fil-perjodu preċedenti, u jisħaq li tali riżorsi sinifikanti jirrikjedu monitoraġġ robust tar-riżultati sabiex jiġi żgurat valur għall-flus; jistieden lill-Impriżi Konġunti jadottaw qafas komuni għall-kejl tal-prestazzjoni u l-impatti, filwaqt li jiżguraw ir-rappurtar dwar l-eżiti lil hinn mill-konformità mar-regoli finanzjarji; jisħaq li sorveljanza effettiva tal-prestazzjoni trid tiġi kkomplementata minn trasparenza qawwija tal-

attivitajiet tal-Impriżi Konġunti u minn salvagwardji tal-kunflitt ta' interess għall-membri tal-korpi governattivi tagħhom; iħeġġeġ, f'dan ir-rigward, il-pubblikazzjoni sistematika tad-dikjarazzjonijiet ta' interess għall-membri tal-korpi governattivi, li jkopru r-rabtiet finanzjarji, professjonali jew personali mal-entitajiet li jibbenefikaw mill-finanzjament tal-Impriżi Konġunti; jitlob perjodu ta' preklużjoni għall-persunal anzjan qabel ma jieħu pożizzjonijiet ġodda f'organizzazzjonijiet appoġġjati u jirrikjedi li l-kumitati xjentifiċi, l-esperti indipendenti, u l-membri tal-kumitat ta' evalwazzjoni jiffirmaw kif xieraq dikjarazzjonijiet dwar in-nuqqas ta' kunflitti ta' interess;

Kwistjonijiet ta' tħassib relatati mal-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni u l-Impriża Konġunta għall-Computing ta' Prestazzjoni Għolja Ewropew

44. Jirrimarka li minbarra l-kwistjonijiet identifikati hawn fuq, il-kwistjonijiet speċifiċi li ġejjin relatati mal-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni u l-Impriża Konġunta għall-Computing ta' Prestazzjoni Għolja Ewropew jistħoqqilhom aktar attenzjoni;

45. Jirrikonoxxi li l-ITER huwa proġett ta' skala u ambizzjoni bla preċedent, li jinvolvi 35 sieħeb internazzjonali, li fih l-Unjoni, bħala ospitant u l-akbar kontributur, għandha rwol ċentrali fl-avvanz tal-viżjoni tal-enerġija fit-tul u t-tmexxija xjentifika tal-Ewropa; jissottolinja li f'Ġunju 2024, l-organizzazzjoni ITER ippreżentat pjan ta' proġett rivedut lill-Kunsill ITER, li jintroduċi linji bażi ġodda biex jissostitwixxu dawk approvati fl-2016, jipposponi t-tmiem tal-fażi ta' assemblaġġ mill-2025 (l-ewwel plażma) sal-2035 (il-bidu tal-operazzjonijiet ta' riċerka) u jestendi t-tlestija ġenerali tal-proġett mill-2042 sal-2059; jinnota li l-obbligi ta' twettiq tal-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni għalhekk qed jiżdiedu minn EUR 21,6 biljun għal EUR 25,8 biljun fil-valuri tal-2024, u dan jimplika EUR 4,2 biljun addizzjonali f'kontribuzzjonijiet mill-Euratom u minn Franza għall-baġit operattiv tal-Impriża Konġunta; jinnota bi tħassib li ż-żieda stmata fl-ispejjeż li tirriżulta mil-linji bażi riveduti tal-ITER proposti mill-ITER-IO f'Lulju 2024, għad trid tiġi adottata formalment mill-Kunsill ITER; jissottolinja f'dan ir-rigward li sabiex tinżamm it-tmexxija tal-Unjoni fir-riċerka dwar il-fużjoni, huma meħtieġa formalizzazzjoni u implimentazzjoni f'waqthom u sħaħ tal-linji bażi riveduti tal-ITER;

46. Jikkondividi t-tħassib espress mill-Qorti li l-linji bażi riveduti proposti tal-ITER iżidu b'mod sostanzjali l-esponiment tal-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u l-Iżvilupp tal-esponiment tal-Enerġija mill-Fużjoni għal riskji tekniċi, legali u finanzjarji; jinnota li s-sostenibbiltà fit-tul tal-proġett tista' tiġi mminata minn żidiet fl-ispejjeż, dewmien kontinwu għal stadji importanti ewlenin kif ukoll billi tiġi intensifikata l-kompetizzjoni minn inizjattivi ta' fużjoni f'pajjiżi terzi, li flimkien jirriskjaw li jnaqqsu r-rilevanza u t-tmexxija

tal-ITER; jissottolinja li għad hemm inċertezzi legali u ta' governanza sinifikanti, b'mod partikolari l-possibbiltà li l-membri jistgħu jirrifjutaw li japprovaw estensjoni tal-Ftehim ITER lil hinn mill-2042, jew li d-digriet Franċiż dwar l-ospitar jista' jiskadi qabel ma jibdew l-operazzjonijiet tar-reatturi, u dan jirriskja ċ-ċarezza legali u l-obbligu ta' rendikont; jinnota wkoll bi tħassib li l-iskala tal-modifiki tekniċi previsti jista' jkollha implikazzjonijiet estensivi għall-kapaċità innovattiva u l-vijabbiltà ekonomika tal-proġett; jemmen li dan it-tħassib huwa aggravat minn pressjonijiet finanzjarji dejjem akbar, peress li l-kontribuzzjonijiet ogħla meħtieġa mill-Unjoni u minn Franza jqajmu dubji dwar jekk tali finanzjament jistax jiġi sostnut fl-ambitu ta' QFP futuri jew mill-Istat ospitanti; jenfasizza għalhekk il-ħtieġa ta' ppjanar finanzjarju robust, ġestjoni b'saħħitha u koerenti, sorveljanza rigoruża u metriċi ċari tal-prestazzjoni mill-Impriża Konġunta, ġestjoni tar-riskju msaħħa, u titjib kontinwu fl-obbligu ta' rendikont u t-trasparenza bejn l-Impriża Konġunta, l-Organizzazzjoni ITER u l-awtorità baġitarja tal-Unjoni; jissottolinja l-ħtieġa li jissaħħu aktar il-kontroll tal-ispejjeż, il-finanzjament ibbażat fuq l-istadji importanti u s-sorveljanza indipendenti tal-prestazzjoni, u li jiġu indirizzati l-inċertezzi legali permezz ta' impenji vinkolanti dwar il-qafas ta' wara l-2042 u l-obbligi tal-istat ospitanti; jisħaq li, fid-dawl tal-iskala, it-tul ta' żmien u ż-żieda fl-ispejjeż tal-proġett ITER, il-finanzjament kontinwu tal-Unjoni jrid jiġi vvalutat mhux biss skont l-istadji importanti tekniċi iżda wkoll skont l-ispejjeż ta' opportunità u l-addizzjonalità klimatika sabiex jiġu żgurati l-valur miżjud Ewropew u l-awtonomija strateġika;

47. Jenfasizza r-rakkomandazzjoni tal-Qorti li l-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni għandha ttejjeb l-effettività tal-ġestjoni tar-riskju tagħha, inkluż billi ssaħħaħ l-għodda tal-IT tagħha għall-ġestjoni tar-riskju sabiex ikollha informazzjoni kompluta dwar ir-riskji ewlenin rilevanti kollha li jirriżultaw mil-linji bażi tal-2024; jisħaq fuq l-importanza ġenerali tal-governanza strateġika tal-Impriża Konġunta biex jiġi żgurat li l-ITER jibqa' xjentifikament u ekonomikament rilevanti billi jivvaluta b'mod sistematiku l-progress fil-konfront tal-kompetituri globali u jissalvagwardja l-kapaċità tal-innovazzjoni fi ħdan mudell ta' finanzjament sostenibbli fit-tul; jenfasizza f'dan ir-rigward il-ħtieġa li l-Impriża Konġunta tiġi ristrutturata u li r-riżorsi umani jiġu riallokati, li jitnaqqas l-użu sproporzjonat ta' fornituri esterni tas-servizzi, li jiġu żgurati ppjanar u ġestjoni aħjar tar-riżorsi f'konformità mal-qafas etiku tal-Impriża Konġunta;

48. Jenfasizza s-sensittivitajiet speċifiċi marbuta mal-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni fid-dawl tal-involviment kontinwu tar-Russja, u jinnota l-ispjegazzjonijiet ipprovduti matul is-seduta ta' smigħ fil-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit tal-Parlament rigward is-salvagwardji stabbiliti biex jittaffew ir-riskji legali, għas-sigurtà u strateġiċi assoċjati; itenni t-talba tiegħu li jiġi eżerċitat l-ogħla livell ta' viġilanza f'kooperazzjoni mas-sħab internazzjonali, bħar-Russja, b'rispett sħiħ tal-miżuri restrittivi tal-

Unjoni fis-seħħ;

49. Itenni t-tħassib tiegħu dwar il-parteċipazzjoni kontinwa tar-Russja fil-proġett ITER; jitlob lill-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni tiżgura infurzar strett u sħiħ tas-sanzjonijiet tal-Unjoni kontra r-Russja, inklużi r-restrizzjonijiet fuq l-akkwist ta' komponenti għall-provvisti Ewropej għall-ITER; iħeġġeġ lill-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni timminimizza d-dipendenza kollha li fadal fuq ir-Russja u tevita kwalunkwe kuntatt u impenn bilaterali magħha li jistgħu jikkompromettu l-interessi u l-valuri strateġiċi tal-Unjoni; jinnota b'sodisfazzjon il-fatt li r-Russja ma assumietx il-presidenza tal-Kunsill ITER għal dawn l-aħħar sentejn kif kienet skedata li tagħmel f'konformità mal-prinċipju tar-rotazzjoni tal-presidenzi; jinnota b'sodisfazzjon li r-regoli dwar il-proprjetà intellettwali fil-Ftehim ITER jiggarantixxu li l-proġett ikollu r-riżorsi intellettwali kollha li jeħtieġ għall-iżvilupp u l-operat b'suċċess, filwaqt li jiżguraw indipendenza sħiħa mid-drittijiet tal-proprjetà intellettwali Russi; jinnota li r-Russja ssodisfat il-kontribuzzjonijiet in natura kollha tagħha skont il-Ftehim ITER; jisħaq li l-attivitajiet tal-Impriżi Konġunti tal-Unjoni għandhom jikkontribwixxu għad-diversifikazzjoni tal-ktajjen tal-provvista biex tinkiseb sovranità teknoloġika sħiħa;

50. Jenfasizza r-rakkomandazzjoni tal-Qorti li l-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni għandha ssaħħaħ is-sistema ta' ġestjoni tar-riskju tagħha billi tqis ir-riskji orizzontali kollha li jirriżultaw mil-linji bażi tal-2024;

51. Itenni t-tħassib serju tiegħu għan-nuqqasijiet li ġejjin fil-ġestjoni tar-riżorsi umani identifikati fl-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni:

(a) l-Istħarriġ Pulse reċenti fost il-persunal żvela l-perċezzjoni ta' kunflitti interpersonali mifruxa eżistenti (77 % tar-rispondenti), vjolenza psikoloġika (9,9 % tar-rispondenti), fastidju sesswali (7,3 % tar-rispondenti), u vjolenza fiżika (4,7 % tar-rispondenti); jistieden lill-Impriża Konġunta tqis bis-serjetà r-riżultati tal-istħarriġ u tagħti segwitu fil-pront b'azzjonijiet konkreti biex tindirizza s-sitwazzjoni; jenfasizza l-importanza tal-benesseri tal-persunal;

(b) id-dipendenza kontinwa tal-Impriża Konġunta minn fornituri esterni tas-servizzi bi 313-il fornitur estern tas-servizzi u 438 membru tal-persunal statutorju fl-2024; jilqa' l-miżuri adottati mill-Impriża Konġunta, inkluża l-adozzjoni fl-2024 ta' politika li tirregola d-definizzjoni, l-ippjanar u l-użu ta' fornituri esterni tas-servizzi, kif ukoll id-deċiżjoni tal-2025 li tiċċentralizza l-koordinazzjoni u l-ġestjoni tagħhom, li bħalissa qed jiġu implimentati; jistieden lill-Impriża Konġunta tkompli tirrapporta dwar il-progress fir-Rapporti Annwali tal-Attività tagħha;

52. Itenni t-tħassib tiegħu dwar is-sitwazzjoni attwali tar-reklutaġġ fl-Impriża Konġunta għall-Computing ta' Prestazzjoni Għolja Ewropew, li rċeviet 39 pożizzjoni addizzjonali li għandhom jiġu rreklutati sa tmiem is-sena finanzjarja 2023 sabiex jiġu implimentati l-fondi sinifikanti riċevuti fl-ambitu tal-QFP attwali, madankollu fi tmiem l-2024, 14 mid-39 pożizzjoni kienu għadhom vakanti; jistieden lill-Impriża Konġunta għall-Computing ta' Prestazzjoni Għolja Ewropew tadotta miżuri biex tilħaq il-mira ta' reklutaġġ tagħha malajr kemm jista' jkun peress li l-operat kontinwu b'persunal insuffiċjenti jista' jwaqqafha milli timplimenta l-attivitajiet tagħha u tilħaq l-objettivi tagħha;

53. Jisħaq fuq l-importanza li tiġi żgurata s-sovranità diġitali fir-riċerka ffinanzjata mill-Unjoni; jenfasizza f'dan ir-rigward ir-rwol ewlieni tal-Impriża Konġunta għall-Computing ta' Prestazzjoni Għolja Ewropew, iċ-Ċentru Ewropew ta' Kompetenza Industrijali, Teknoloġika u tar-Riċerka fil-qasam taċ-Ċibersigurtà, l-Impriża Konġunta taċ-Ċipep u l-Impriża Konġunta Networks u Servizzi Intelliġenti, li għandhom jagħtu prijorità lil proġetti li jsaħħu l-awtonomija tal-Unjoni fl-oqsma tas-semikondutturi, l-intelliġenza artifiċjali u ċ-ċibersigurtà; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-proġetti appoġġjati mill-Impriżi Konġunti: i) jevitaw id-dipendenza bla bżonn minn forniturі ta' pajjiżi terzi għal teknoloġiji kritiċi; isaħħu b'mod effettiv ir-reżiljenza industrijali u l-awtonomija strateġika tal-Unjoni; u ii) jappoġġjaw b'mod attiv l-iżvilupp tal-kapaċità domestika tar-riċerka u l-innovazzjoni f'setturi diġitali strateġiċi;

54. Itenni t-tħassib tiegħu li fl-2024 ir-rata ta' implimentazzjoni tal-Impriża Konġunta għall-Computing ta' Prestazzjoni Għolja Ewropew għall-baġit tal-pagamenti tal-għotjiet ta' Orizzont 2020 kompliet tonqos għal 27 % meta mqabbla ma' 36 % fl-2023; josserva li fl-2024, ir-rati ta' implimentazzjoni għall-approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament għall-attivitajiet ta' investiment tal-Ewropa Diġitali baqgħu baxxi ħafna bi 22 % u 19 % rispettivament meta mqabbla ma' 89 % u 18 % fl-2023; jinnota l-ispjegazzjoni pprovduta mill-Impriża Konġunta għall-Computing ta' Prestazzjoni Għolja Ewropew, madankollu jistedinha tiżgura implimentazzjoni xierqa tal-partijiet kollha tal-baġit operattiv tagħha;

55. Jinnota li skont ir-rapport tal-Qorti, il-kontribuzzjonijiet tal-membri privati tal-Impriża Konġunta għall-Computing ta' Prestazzjoni Għolja Ewropew għal Orizzont 2020 għadhom baxxi; il-kontribuzzjonijiet in natura tagħhom għall-attivitajiet operattivi laħqu biss EUR 20,0 miljun, li huwa ferm anqas mill-minimu ta' EUR 420,0 miljun stabbilit fir-regolament fundatur tal-Impriża Konġunta; ifakkar fil-ħtieġa ta' bidla fl-arranġamenti ta' finanzjament tal-Impriża Konġunta, li jirrestringu l-kapaċità tal-Impriża Konġunta li tiżgura kooperazzjoni effettiva mas-settur privat u jipprevjenuha milli tikkwantifika kif xieraq il-kontribuzzjonijiet tas-settur privat għall-objettivi tal-Impriża Konġunta;

Rimarki dwar is-segwitu tal-Impriżi Konġunti għall-eżerċizzju ta' kwittanza preċedenti

56. Jilqa' l-fatt li l-Impriżi Konġunti fasslu rapport ta' segwitu għar-riżoluzzjonijiet tal-Parlament b'osservazzjonijiet li jifformaw parti integrali mid-deċiżjonijiet dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Impriżi Konġunti għas-sena finanzjarja 2023; jinnota li dawn ir-rapporti jipprovdu l-fehmiet tal-Impriżi Konġunti dwar il-kwistjonijiet issottolinjati mill-Parlament b'mod sodisfaċenti;

57. Jilqa' l-fatt li r-rapport tal-Qorti jinkludi wkoll analiżi tas-segwitu tal-Impriżi Konġunti għall-osservazzjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet preċedenti għall-azzjonijiet ippubblikati mill-Qorti; jinnota f'dan ir-rigward li sa tmiem l-2024, anqas minn nofs l-osservazzjonijiet tas-snin preċedenti kienu ġew indirizzati: 18 minn 44 ingħalqu, filwaqt li 26 baqgħu miftuħa; fir-rigward tar-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti mill-perjodu 2021–2023, il-biċċa l-kbira ġew implimentati tal-anqas parzjalment; barra minn hekk, mill-erba' rakkomandazzjonijiet bl-2024 bħala d-data fil-mira, tnejn ġew implimentati bis-sħiħ mill-Impriżi Konġunti kollha, waħda ġiet implimentata bis-sħiħ minn uħud minnhom u parzjalment minn oħrajn, u waħda ġiet implimentata parzjalment; mit-tmienja li jifdal b'dati fil-mira aktar tard, waħda ġiet implimentata bis-sħiħ, sitta parzjalment, u waħda għadha ma ġietx implimentata, peress li tiddependi mill-Kummissjoni; jistieden lill-Impriżi Konġunti kollha jkomplu bl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti u jirrapportaw dwar il-progress lill-Qorti u lill-Parlament;

Sejħa għal segwitu

58. Jistieden lil kull Impriża Konġunta kkunsidrata għall-għoti ta' kwittanza għas-sena finanzjarja 2024 tfassal rapport ta' segwitu individwali dwar l-azzjonijiet kollha meħuda biex jiġu indirizzati l-kwistjonijiet speċifiċi msemmija f'din ir-riżoluzzjoni u tippreżenta dan ir-rapport ta' segwitu ffirmat mid-Direttur (Eżekuttiv) tal-Impriża Konġunta lill-Parlament sa mhux aktar tard mit-30 ta' Settembru 2026;

59. Jissottolinja li r-rapporti ta' segwitu jistgħu jirriflettu l-fehmiet ġenerali tal-Impriżi Konġunti dwar din ir-riżoluzzjoni u dwar kwistjonijiet oħra rilevanti għall-awtorità ta' kwittanza; jistieden lill-Impriżi Konġunti jħejju dawn ir-rapporti bir-reqqa, ikopru l-kwistjonijiet kollha mqajma mill-Parlament rigward l-attivitajiet tagħhom, u jagħmlu dan b'mod kooperattiv u affidabbli.